# Il-Ħadd 27.09.2015

1. Illum 27/09:
   - Fl-10:00am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. Mit-Tnejn 28/09, il-Quddiesa ta' filgħodu tibda ssir fit-7:45am, u mhux fis-7:30am, u mill-Ħadd 4/10, il-Quddiesa ta' filgħaxija tibda tkun fil-5:30pm, u mhux fis-6:00pm.

3. It-Tnejn 28/09:
   - Jibdew il-Lezzjonijiet tad-Duttrina fl-oqsma rispettivi tal-M.U.S.E.U.M..

4. Il-Ħamis 1/10:
   - Fis-6:30pm ikollna l-Quddiesa tal-Bidu tas-Sena Kateketika (tad-Duttrina), li għaliha huma mitluba jiġu kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal. Matul din il-quddiesa nitolbu wkoll għall-katekisti li ser jgħallmu.

5. Il-Ġimgħa 2/10:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

6. Is-Sibt 3/10:
   - Bejn l-10:00am u s-1:00pm, f'Misraħ il-Knisja, ser isir *Car Wash* organizzat mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ sabiex jinġabru fondi għal SOS Malta biex tingħata għajnuna lil kamp tar-refuġjati fis-Serbja. Qed tintalab donazzjoni ta € 5 kull karozza. Din hi inizjattiva li qed issir ukoll f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

7. Il-Ħadd 4/10, niċċelebraw il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju:
   - Fit-8:15am - Il-Quddiesa tkun bis-sehem ta' Ħal Safi Local Council Football Nursery;
   - Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka mill-Kan. Louis Farrugia; u
   - Fis-6:30pm - Purċissjoni, li fiha jingħad ir-Rużarju,<br>u li tintemm b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

   Il-purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl,<br>Triq u Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija,<br>Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola,<br>Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja.

   *Infakkru biex ma tħallux karozzi ipparkjati f'dawn it-toroq imsemmija.*<br>*F'każ ta' xita l-funzjoni issir fil-knisja stess.*

   N.B. Infakkru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru jingħad ir-Rużarju fil-knisja:<br>Filgħodu -- qabel il-quddiesa tat-7:45am;<br>Filgħaxija -- fis-6:00pm.

8. Avviżi oħra:-
   - Il-Kunsill Lokali qed jiġbor bookings għad-DVD tad-dokumentarju fuq l-Istorja ta' Ħal Safi. Dan jista' jsir mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-prezz tad-DVD hu ta € 20.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:<br>- € 220 bħala ġabra speċjali b'risq il-Missjoni tal-Art Imqaddsa. Grazzi.